**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 40/2016**

**Catherine Azzopardi**

**vs**

**Rita Formosa**

**Illum, 13 ta' Lulju 2017.**

Il-Bord;

Ra r-rikors promotur li jghid hekk:

Illi l-intimata Rita Formosa tikri l-fond bin-numru mija u wiehed u disghin (191), f'St. Michael Street, Bormla, bil-kera ta' mija u sebgha u disghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€197.58) fis-sena, tithallas kull sitt xhur bil-quddiem u l-iskadenzi li jmiss taghlaq fid-9 ta' Mejju 2015.

Illi l-intimata naqset li thallas il-kera tal-istess fond puntwalment.

Illi inoltre l-intimata kisret il-kundizzjonijiet tal-kirja u ghamlet hafna hsara fl-imsemmi fond mikri lilha.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tiehu lura l-pussess tal-fond bin-numru mija u wiehed u disghin (191), f'St. Michael's Street, Bormla fi tmiem il-perjodu korrenti ta' rilokazzjoni.

Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni kompetenti lill-esponenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi l-intimata debitament notifikata ma prezentat l-ebda risposta.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Sema' s-sottomissjonijiet orali tar-rikorrenti.

Ra illi fis-seduta tal-24 t'April 2017, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qed titlob li tiehu lura l-pussess tal-fond mertu tal-kawza.

Illi l-intimata minkejja li notifikata kif jirrizulta fuq in-naha ta' wara ta' folio 9 et sequitur tal-process, ma prezentat l-ebda risposta ghat-talba tar-rikorrenti.

Illi l-intimata hija kontumaci stante illi mhux biss ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba tar-rikorrenti izda ukoll naqset milli tidher quddiem il-Bord tul dawn il-proceduri u ghalhekk ma kkontestat bl-ebda mod it-talba tar-rikorrenti.

Illi fis-seduti tad-09 ta' Marzu 2017 u tal-24 t'April 2017 xehdet ir-rikorrenti li ukoll ikkonfermat bil-gurament l-istess talba.

Illi mill-provi prodotti t-talba tar-rikorrenti tirrizulta pruvata.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien tletin jum mil-lum. Spejjez a karigu tal-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur